A.L. 393 ta' l-2010

ATT TA' L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2010 (dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Installazjoni) tal-*Autogas*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r- Regolamenti ta' l-2010 (dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Installazjoni) tal-*Autogas*.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola l-installazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir tal-*autogas* u sistemi ta' modifika ta' l-*autogas*.

(3) Dawn ir-regolamenti kienu notifikati skond il-provvedimenti tad-Direttiva 98/34/KE, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE, kif trasposta bir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Proċedura għall-Provvediment ta' Informazzjoni. A.L. 373 ta' l-2003.

Tifsir.

2. (1) Kull referenza f'dawn ir-regolamenti għall-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, hija referenza għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' sub-regolament (2) ta' dan ir-regolament, it-tifsir f'artikolu 2 ta' l-imsemmi Att għandu japplika lil dawn ir-regolamenti.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"*autogas*" tfisser GPL bi speċifikazzjoni skond MSA EN 589 użat għall-propulsjoni ta' vetturi bil-mutur;

"ċertifikat ta' modifika" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ minn persuna kompetenti wara li tkun saret il-modifika ta' vettura bil-mutur għall-użu ta' GPL fis-sistema ta' propulsjoni tagħha;

"GPL" tfisser gass petroleum likwefatt, magħmul jew minn propan jew butan, skond BS 4250: 1997 jew l-ekwivalenti jew taħlita taż-żewġ tipi ta' gass skond l-MSA EN 589;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"livell ta' kompetenza" tfisser l-istandard ta' kwalifiki u esperjenza prattika li jkollha persuna kompetenti biex twettaq xogħol li għandu x'jaqsam ma' l-*autogas* kif imsemmi fiċ-ċertifikazzjoni rilevanti;

"modifika" tfisser l-installazzjoni u, jew it-twaħħil ma' vettura bil-mutur ta' tagħmir ta' l-*autogas* jew ta' sistema ta' modifika ta' l-*autogas*;

"persuna kompetenti" tfisser persuna approvata mill-Awtorità li għandha kwalifiki adattati, taħriġ xieraq u għarfien suffiċjenti, esperjenza u sengħa fit-teknoloġija tal-gass, u kif approvata mill-Awtorità biex twettaq xogħol li għandu x'jaqsam ma' *autogas* li jinkludi modifiki, alterazzjonijiet, superviżjoni u ċertifikazzjoni skond il-livell rilevanti ta' kompetenza;

"sistemi ta' modifika ta' l-*autogas*" tfisser sistema użata għall-modifika ta' vettura bil-mutur għall-użu ta' GPL fis-sistema ta' propulsjoni tagħha approvati skont UN ECE 115;

"tagħmir ta' l-*autogas*" tfisser tagħmir użat għal modifika ta' vettura bil-mutur għall-użu ta' GPL fis-sistema ta' propulsjoni tagħha approvat skond UN ECE 67;

"UN ECE 67" tfisser il-ftehim li jikkonċerna l-addozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu, jew użati fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal għarfien reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi tal-preskrizzjonijiet;

"UN/ECE 115" tfisser il-ftehim li jikkonċerna l-addozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi

bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu, jew użati fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal għarfien reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi tal-preskrizzjonijiet.

"vettura bil-mutur" għandu jkollha l-istess tifsira li għandha fir-regolamenti ta' l-2004 dwar il-Vetturi bil-Mutur; A.L. 128 ta' l-2004.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-vetturi bil-mutur li jużaw l-*autogas* bħala mezz ta' propulsjoni għal kollox jew parzjalment u għandhom jirregolaw l-installazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir ta' l-*autogas* u ta' sistemi ta' modifika fuq vetturi bil-mutur.

Persuna Kompetenti.

4. (1) L-ebda persuna, ħlief persuna kompetenti m'għandha twettaq xogħol jew ċertifikazzjoni li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' l-*autogas* jew sistema ta' modifika ta' l-*autogas*.

(2) L-ebda persuna ma' għandha twettaq xogħol li għandu x'jaqsam ma' installazzjoni ta' l-*autogas* sakemm dik il-persuna ma tkunx persuna kompetenti approvata bil-miktub mill-Awtorità jew tkun qed taġixxi taħt is-superviżjoni kontinwa ta' persuna kompetenti.

(3) L-ebda persuna m'għandha tippretendi, tagħti x'tifhem jew tagħti l-impressjoni li għandha fil-pussess tagħha xi approvazzjoni mogħtija skond dawn ir-regolamenti mingħajr ma jkollha attwalment dik l-approvazzjoni fil-pussess tagħha.

(4) Kull persuna li tixtieq tkun maħtura bħala persuna kompetenti għandha tissottometti lill-Awtorità applikazzjoni, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha, kif meħtieġa mill-Awtorità.

(5) Wara li tirrevedi d-dokumenti sottomessi u kif jiġu ottenuti l-approvazzjoni neċessarji mill-Kunsill ta' Malta dwar il-Kwalifikazzjoni, Għarfien u Informazzjoni, l-Awtorità toħroġ ċertifikazzjoni ta' kompetenza lill-persuna li tissottometti l-applikazzjoni. Iċ-ċertifikat ikun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

(6) L-Awtorita għandha tassenja numru ta' reġistrazzjoni lil kull persuna kompetenti.

(7) L-Awtorità tista tiddeċiedi li tirrifjuta applikazzjoni jekk:

(a) l-applikazzjoni ma jkolliex dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Awtorità fil-formola ta' l-applikazzjoni jew kull informazzjoni jew dokumentazzjoni addizzjonali oħra li l-Awtorità tista' titlob mill-applikant għall-iskop tad-determinazzjoni ta' l-applikazzjoni; jew

(b) l-applikazzjoni ma tkunx akkumpanjata mid-dritt ta' l-applikazzjoni kif speċifikat skond it-tieni Skedola ma' dawn ir-regolamenti.

(8) Kull persuna magħżula mill-Awtorità bħala persuna kompetenti għandha:

(a) tikkonforma ma kull direzzjoni mogħtija mill-Awtorità;

(b) tesegwixxi l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-prattiċi regolati skond:

(i) Direzzjoni ta' l-Awtorità;

(ii) Deċiżjoni tal-Awtorità; jew

(iii) Kodiċi ta' prattika jew linja ta' gwida magħrufa jew maħruġa mill-Awtorità; u

(ċ) taġixxi skond u kif meħtieġ minn:

(i) Direzzjoni ta' l-Awtorità;

(ii) Deċiżjoni ta' l-Awtorità; jew

(iii) Kodiċi ta' prattika jew linja ta' gwida magħrufa jew maħruġa mill-Awtorità.

Modifika.

5. (1) L-ebda tagħmir ta' l-*autogas* jew sistema ta' modifika ta' l-*autogas* ma jista' jkun installat fuq vettura bil-mutur, sakemm ma jkunx:

(a) jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' UNECE 67 jew UNECE 115;

(b) ikun ta' tip approvat minn awtorità ta' approvazzjoni tat-tip awtorizzata skond id-Direttiva 2007/46/EC u l-emendi tagħha;

(ċ) hu sigur biex ikun installat fil-vettura bil-mutur; u

(d) hu xieraq għal użu għal din il-vettura bil-mutur.

(2) Fejn l-użu ta' tagħmir ta' l-*autogas* li ma jkunx ġie fornut mas-sistema ta' modifika ta' l-*autogas* hu meħtieġ li l-instruzzjonijiet tal-manifattur tat-tagħmir ta' l-*autogas* ikunu osservati.

(3) Il-persuna kompetenti li tinstalla t-tagħmir ta' l-*autogas* jew is-sistema ta' modifika fuq il-vetturi bil-mutur għandha:

(a) Timxi ma' prattika ta' inġinerija tajba waqt l-installazzjoni tat-tagħmir ta' l-*autogas*, jew is-sistema ta' modifika ta' *autogas* skond il-kodiċi ta' prattika, standards jew linji ta' gwida applikabbli, magħrufa jew maħruġa mill-Awtorità;

(b) Timxi ma' istruzzjonijiet kif fornuti mill-manifattur;

(ċ) Tuża l-komponenti ta' sistema ta' modifika ta' l-*autogas* għal mhux aktar minn vettura bil-mutur waħda;

(d) Tiżgura li *records* jinżammu li jiżguraw intraċċar tat-tagħmir ta' l-*autogas*, jew is-sistema tal-modifika ta' l-*autogas* u l-installazzjoni tagħha. Ir-*records* għandhom jinkludu l-informazzjoni, kif determinata mill-Awtorità, li hija meħtieġa li tinżamm u jibqgħu jinżammu għall-perjodu ta' mhux anqas minn għaxar snin mid-data ta' l-installazzjoni; u

(e) Twettaq verifiki, wara l-modifika biex tiżgura li, fil-limiti tal-metodu ta' kejl, l-emissjonijiet tal-karburant oriġinali ma jkunx deterjorat u li l-emissjonijiet tal-GPL jkunu inqas minn dawk tal-karburant oriġinali.

Obligazzjonijiet tal-persuna kompetenti.

6. (1) Il-persuna kompetenti responsabbli għat-twettieq ta' modifika fuq vettura bil-mutur għall-użu ta' GPL fis-sistema ta' propulsjoni tagħha għandha, mat-tlestija sodisfaċenti ta' din il-modifika, toħroġ ċertifikat iffirmat ta' modifika

(2) Il-persuna kompetenti għandha tiżgura li ċertifikat ta' modifika jkolli l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna kompetenti;

(b) L-isem, l-indirizz u n-numru tal-liċenzja tal-garaxx fejn il-konverżjoni għall-*autogas* tal-vettura bil-mutur ġiet imwettqa;

(ċ) In-numru tal-mutur tal-vettura bil-mutur;

(d) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur;

(e) It-tip, mudell, numru ta' serje u l-manifattur tas-sistemi tal-modifiki ta' l-*autogas* jew it-tagħmir ta' l-*autogas*;

(f) Id-data ta' l-installazzjoni; u

(3) Iċ-ċertifikat ta' modifika għandu jinkludi wkoll id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Din tiċċertifika li s-sistema ta' GPL tal-vettura bil-mutur imsemmija kienet installata, eżaminata u ittestjata skond il-Kodiċi ta' Prattika ta' l-MRA u instabet sodisfaċenti".

(4) Kull ċertifikat speċifiku ta' modifika għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni speċifiku kif il-persuna kompetenti tkun diretta mill-Awtorità.

(5) Il-persuna kompetenti għandha tipprovdi lis-sid tal-vettura bil-mutur b'Manwal ta' l-Operat tas-Sewwieq u dan il-Manwal għandu jinkludi l-informazzjoni preskritta fl-Ewwel Skeda ma' dawn ir-regolamenti u jista' ukoll jinkludi ċertifikat ta' modifika, flimkien ma rikkomandazzjoni li dan jinżamm fil-vettura bil-mutur f'kull ħin għall-eżaminazzjoni mill-aġenziji għall-infurzar awtorizzati.

(6) Il-persuna kompetenti għandha toħroġ marki ta' identifikazzjoni kif speċifikat f'Anness 16 ta' UN ECE 67 flimkien ma ċertifikati ta' modifika.

(7) Minkejja u bla preġudizzju għal kull azzjoni kriminali jew amministrattiva li tista' tkun inizjata taħt kull liġi oħra, persuna kompetenti li qed tikser xi waħda minn dawn ir-regolamenti tista' tiġi skwalifikata mill-Awtorità milli tkun persuna kompetenti għal perjodu ta' ħames snin.

Obligazzjonijiet ta' min iħaddem.

7. (1) Min iħaddem xi persuna li twettaq xi xogħol li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' l-*autogas* jew sistema ta' modifika ta' l-*autogas* f'kull post ta' xogħol jew bini taħt il-kontroll ta' l-istess persuna li tħaddem, jew li jkun responsabbli mix-xogħol li qed jitwettaq f'kull post ta' xogħol jew bini, għandu jiżgura li:

(a) Ix-xogħol ma jpoġġix fil-periklu l-persuni li qed jaħdmu hemm jew xi terza parti; u

(b) Persuna kompetenti qed twettaq xogħol jew qed tagħmel superviżjoni ta' xogħol li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' l-*autogas* jew ma' sistema ta' modifika ta' l-*Autogas*.

(2) Dak li jħaddem xi persuna li qed twettaq xi xogħol li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' l-*autogas* jew ma' sistema ta' modifika ta' l-*autogas* għandu jiżgura li tul iż-żmien tax-xogħol ta' dik il-persuna, il-ħtiġijiet imposti minn dawn ir-regolamenti jew mill-Awtorità, qed ikunu mħarsa.

Żamma taċ-ċertifikat ta' modifika.

8. Is-sid tal-vettura bil-mutur li ġiet modifikata għandu jiżgura li ċertifikat ta' modifika ikun preżenti fil-vettura bil-mutur f'kull ħin.

Reati Kriminali.

9. Persuna li taġixxi kontra kull waħda minn dawn ir-regolamenti għandha, jekk tinstab ħatja, teħel *multa* ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u mhux aktar minn għaxart elef Euro (€10,000).

L-EWWEL SKEDA

Regolament 6 (5)

A.1 Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Il-manwal għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) Deskrizzjoni tas-sistema;

(b) Lista ta' komponenti u l-alternattivi tagħhom tas-sistema tal-GPL li jkollha n-numru ta' identifikazzjoni tagħhom, il-kodiċi tal-manifattura u numru ta' approvazzjoni tat-tip, jekk applikabbli;

(c) Tpinġijiet dettaljati u ritratti li jindikaw il-pożizzjoni eżatta ta' kull komponent fis-sistema ta' GPL u l-installazzjoni tat-tank tal-karburant tal-GPL fil-vettura;

(d) Instruzzjonijiet għall-armar għall-komponenti;

(e) *Disinn* dettaljat tal-wiring tas-sistema elettrika li tindika l-konnessjonijiet mal-komponenti;

(f) Il-limiti imposti minn influenza ambjentali, e.ż. taħlita ta' karburant;

(g) Istruzzjonijiet għall-operazzjonijiet ta' *start-up* li ser isiru mill-installatur;

(h) Deskrizzjoni dettaljata tas-sistema ta' diagnostiċi, jekk imwaħħla, li tinkludi l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu fil-kas li l-vettura ma taħdimx tajjeb

A.2 Istruzzjonijiet ta' Sigurtà

Il-manwal għandu jagħti:

a) istruzzjonijiet għall-użu sigur tas-sistema;

b) twissija ta' perikli possibbli kawża ta' użu ħażin jew fejn il-manwal jew il-proċeduri ma jkunux osservati;

c) azzjonijiet li għandhom jittieħdu meta l-utent jinnota riħa ta' gass jew nixxiha ta' gass;

d) Kull effetti aversi kawża ta' temperaturi jew umdità e.ż. jekk hemm riskju ta' problemi ta' *starting* kawża ta' vaporizzazzjoni fil-pajpijiet tal-likwidu meta l-vettura tkun ipparkjata waqt temp sħun;

e) Restrizzjonijiet statutorji fuq l-użu tal-vettura e.ż. parkeġġ, manteniment, re-kwalifikazzjoni;

f) Proċedura dettaljata u azzjonijiet meħuda mill-installatur biex jiċċekkja li s-sistema ġiet armata u installata sewwa.

A.3 Deskrizzjoni tas-Sistema ta' GPL

A3.1 Mili tas-Sistema ta' GPL

Il-manwal għandu jindika s-sekwenza ta' operazzjonijiet meħtieġa għall-mili tat-tank tal-GPL.

Attenzjoni partikolari trid tingħata lil-livell massimu ta' mili ta' 80% tal-volum totali tat-tank installat fil-vettura.

Il-manwal għandu jindika li fil-kas ta' *malfunction* tas-sistema ta' mili awtomatika ta' 80%, l-utent għandu jieqaf jimla manwalment u manwalment jimla t-tank sa l-80% valur li jista jkun indikat mill-installatur tas-sistema tal-GPL meta l-volum totali jkun magħruf.

A.3.2 Proċedura ta' switchover

Il-manwal għandu jiddeskrivi b'mod ċar, il-metodu ta' *switching-over* minn karburant għall-ieħor billi tingħata sekwenza ta' operazzjonijiet.

A.3.3 Ftuħ/Għeluq tal-valvi manwal

Il-manwal għandu jindika l-proċedura xierqa għall-operazzjoni tal-valvi manwali. Din hija importanti partikolarment meta l-manteniment tas-sistema tal-GPL irid isir.

A.3.4 Indikatur tal-Livell

Il-manwal għandu jsemmi l-lokazzjoni ta' l-indikatur tal-livell, per eżempju fid-dashboard jew fit-tank. Ir-*read-out* irid ikun spjegat, b'attenzjoni partikolari tingħata lil-livell ta' mili ta' 80%.

A.3.5 L-ewwel użu u rranġar tas-sistema tal- GPL.

Il-manwal għandu jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-kollawd u l-adegwament tas-sistema flimkien ma' kull spezzjoni rikmandata, rikwalifikazzjoni jew dati ta' tibdil għal tankijiet tal-GPL, 'hoses' jew komponenti.

A.4 Manteniment

Jekk manteniment, per eżempju, drenaġġ ta' vaporizzaturi, hu meħtieġ, il-manwal għandu jgħid il-frekwenza u t-tip ta' manteniment li ser jitwettaq. Il-manwal għandu jindika min ikun rikomandat biex iwettaq dan ix-xogħol.

Gwida għandha tingħata li l-vetturi ma għandhomx jgħaddu minn forn ta' *low bake repainting* jew proċess ta' sħana simili sakemm it-temperatura ma tkunx ikkontrollata taħt l-40°C.

A.5 Difetti u Tiswija

Il-manwal għandu jindika x'għandu jsir fil-każ ta' difett u ta' tiswija ta' komponenti ħżiena tas-sistema tal-GPL.

Meta s-sistema tal-GPL tkun mgħammra b'sistema ta' dianjosi, il-manwal għandu jiddeskrivi din is-sistema u jindika liema azzjonijiet għandhom jittieħdu.

A.6 *Scrapping*

Il-manwal għandu jindika li:

- Tankijiet tal-karburant tal-GPL għandhom jitneħħew minn vettura qabel ma' vettura tintbagħat biex tkun *scrapped*;
- Tankijiet għandhom ikunu użati bil-galbu u maħżuna skond il-kodiċi ta' prattika approvati mill-Awtorità;
- Tankijiet li huma *scrapped* għandhom ikunu mkissra skond id-direzzjoni provduta mill-Awtorità, jew taħt is-superviżjoni tal-persuna kompetenti u b'mod li ma jistgħux jintużaw biex jaħżnu l-gass.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 4(7)(b)

Dritt ta' l-applikazzjoni mħallas għar-rigward ta' applikazzjoni għal:

Id-dritt ta' l-applikazzjoni għal applikant biex isir persuna kompetenti hu ta'€35